MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 546/1999/1

**VARCONSTRUCT COMPANY LIMITED**

**vs**

**AĠIUS MARBLE WORKS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta' Marzu, 1999, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li l-kumpannija mħarrka tiġi kundannata tħallasha s-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm 1,200) bħala prezz ta' xogħlijiet imwettqa b'appalt fuq talba u għall-benefiċċju tal-istess kumpannija mħarrka;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Ġunju, 1999, li bih tat lill-kumpannija mħarrka l-fakulta' li tikkontesta l-kawża billi tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet[1];

Rat li l-kumpannija mħarrka naqset li tressaq Nota tal-Eċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilha, u, waqt is-smigħ tat-12 ta' Novembru, 1999[2], il-Qorti kienet sejra tgħaddi għas-sentenza. Iżda, peress li dak inhar stess, l-avukat tal-kumpannija attriċi għarraf lill-Qorti li kien ta l-"*visto*" biex il-kumpannija mħarrka tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet, il-Qorti ma tatx is-sentenza;

Rat in-Nota mressqa fil-15 ta' Novembru, 1999, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma kellha l-ebda negozju mal-kumpannija attriċi u wkoll billi qalet li x-xogħol imwettaq mill-istess kupannija attriċi ma kienx skond is-sengħa u lanqas kif ordnat, u għalhekk ma kien dovut lilha l-ebda ħlas;

Rat is-sentenza preliminari mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 2000[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka;

Rat id-degriet tas-17 ta' Novembru, 2000, li bih il-Qorti ħatret lill-Perit Arkitett Rene' Buttiġieġ sabiex jirrelata dwar jekk ix-xogħol appaltat sarx skond is-sengħa u l-arti;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2004[4], li bih u fuq talba tal-avukat tal-kumpannija attriċi, ħassret il-ħatra li kienet ingħatat lill-imsemmi Perit tekniku u dan minħabba li baqa' ma wettaqx dak li kien ġie ordnat mill-Qorti;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tas-26 ta' April, 2005, u tas-6 ta'Ottubru, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 27 tal-proċess
[2] Paġ. 28 tal-proċess
[3] Paġġ. 63-6 tal-proċess
[4] Paġ. 83 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' xogħol imwettaq f'appalt. Il-kumpannija attriċi trid li l-kumpannija mħarrka tħallasha għal xi xogħol li din tal-aħħar qabbditha tagħmel f'xi postijiet, u baqgħet ma ħallsithiex tagħhom. Ix-xogħol sar fil-bini tal-Qorti (tqegħid ta' rħam mal-koxox ta' wħud mil-*lifts*), tqegħid ta' rħam ma' parti mill-bankina quddiem il-Ministeru tal-Ġustizzja, u fil-Lapsi Hotel, f'San Ġiljan ( tqegħid ta' rħam mal-art u fuq xi koxox tal-*lift* tal-istess lukanda). L-ammont mitlub huwa ta' tnax-il mitt lira Maltija (Lm 1200)[5];

Illi l-kumpannija mħarrka qalet li hija ma kienet qabbdet qatt lill-kumpannija attriċi biex tagħmlilha xi xogħol. Baqgħet tisħaq li kienet ħatret biss lil persuni individwali, tnejn minnhom inzertaw li kienu wkoll diretturi tal-kumpannija attriċi. Din il-linja ta' difiża ma sabitx il-qbil tal-Qorti li, b'sentenza preliminari mogħtija f'Ottubru tal-2000, warrbet l-imsemmija eċċezzjoni u qatgħetha li l-kumpannija mħarrka kienet il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni tal-kumpannija attriċi;

Illi, l-kumpannija mħarrka kien fadlilha biss l-eċċezzjoni li x-xogħol imwettaq ma kiienx sar skond is-sengħa u l-arti, u lanqas ma sar skond l-istruzzjonijiet mogħtija. Minħabba f'din l-eċċezzjoni, il-Qorti kienet ħasbet li jkun xieraq li taħtar perit tekniku biex jisma' x-xhieda u jara b'għajnejh minn xiex kienet qegħda tilmenta l-kumpannija mħarrka. Il-ħasra hi li għal aktar minn erba' (4) snin ma sar xejn u l-Qorti kif issa presjeduta ma kellha l-ebda għażla ħlief li tħassar il-ħatra u tisma' x'kellhom x'jgħidulha l-partijiet direttament. Għal darb'oħra, minkejja din l-opportunita', il-kumpannija mħarrka naqset li tipprova dak minnha allegat;

Illi m'għandux għaliex ikun hemm dubju li kien jaqa' fuq il-kumpannija mħarrka li tipprova li l-appalt mogħti ma kienx

[5] Nota f'paġ. 10 tal-proċess

twettaq kif imiss. L-allegazzjoni għamiltha hi u r-regola titlob li min jagħmel allegazzjoni jrid jippruvaha kif imiss. Għall-kumpannija mħarrka xehed biss Charles Aġius[6], u dan biex jiġġustifika li l-kumpannija rappreżentata minnu titħalla tikkontesta l-kawża. Mhux hekk biss, iżda fix-xhieda tiegħu spiżża biex stqarr li s-somma mitluba fiċ-Ċitazzjoni jaf li kellu jħallasha, imma baqa' jisħaq li kellu jħallasha lil persuni individwali u mhux lill-kumpannija attriċi;

Illi, min-naħa l-oħra, il-kumpannija attriċi wettqet il-provi tagħha bil-konferma tal-fatti dikjarati u tad-dokumentazzjoni minnha mressqa[7];

Illi jekk wieħed iqis dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża, wieħed għandu jsib li għall-finijiet tal-proċediment ta' għamla ċivili, il-kumpannija attriċi seħħilha turi li hija wettqet ix-xogħol li għalih qegħda titlob il-ħlas tal-bilanċ li baqa' ma tħallasx. Min-naħa l-oħra, il-kumpannija mħarrka ma ressqet l-ebda prova tajba biex turi li x-xogħol mogħti ma kienx sar sewwa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tnax-il mitt lira Maltija (Lm 1200) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' xogħol b'appalt minnha mwettaq u konsenjat lill-istess kumpannija mħarrka fuq ordni tagħha;

**Tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka billi ma ġiet bl-ebda mod pruvata; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma mitluba b'effett mill-25 ta' Novembru, 1997, sal-jum tal-ħlas effettiv.

---

[6] Xhieda tiegħu tat-23.6.1999, f'paġġ. 15 sa 25 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Victor Cuschieri 19.6.2000, f'paġġ. 36 sa 42 tal-proċess

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------